MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 149/2007

**Aquatess Marketing Limited – C 33435**

**Vs**

**Joanna Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta’ Frar 2007, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitta u sebghin (Lm76.00), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex l-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-17 ta’ April 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitta u sebghin (Lm76), bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta kif mitlub fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------